# NOMINA TA' DOTT. JOSEPH SAMMUT GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, RESIDENTI ĠEWWA T-TUNEŻIJA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandha t-Tuneżija? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur Residenti għat-Tuneżija?**

Malta hija dejjem konxja mill-isfidi li qed tiffaċċja t-Tuneżija b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-effetti tat-tibdil fil-klima, l-ekonomija u dik tal-migrazzjoni.

Illi indubbjament għandna nsegwu mill-qrib dawk l-iżviluppi kollha li jkunu qed jimmaterjalizzaw u nkunu ta sapport u sostenn għall-poplu Tuneżin f'mumenti hekk delikati.

F'dan ir-rigward l-inizjattiva ta' Malta konsistenti fil-finanzjament tal-proġett ġewwa Għar El Melħ, li ser ikun ta kontribut dirett għall-benefiċċju tal-bdiewa u tal-komunità in ġenerali Tuneżina, huwa prova tal-commitment ta' Malta li tgħin.

F'dan ir-rigward wkoll ta minn ifaħħar l-inizjattivi ta' livell għoli da parti tal-EU a benefiċċju tat-Tuneżija b'mod partikolari permezz tal-MoU bl-isem ta Strategic and Global Partnership. Hija fehma komuni li l-kontribut dirett ghar-rigward ta oqsma diversi huwa mezz ta benefiċċju għall-partijiet kollha involuti.

B'azzjonijiet diretti biss jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi li pajjiżi ġirien tagħna jkunu għaddejjin minnhom.

B'referenza għat-tielet parti ta din l-interrogattiva, jekk ikun il-każ li niġi elett għal tali kariga, fil-ħidma tiegħi, irrid dejjem inżomm quddiem għajnejja dak li huwa ta prijorità għall-Eżekuttiv f'dak il-mument opportun.

Bla dubju ta' xejn jibqa' imperattiv li inkompli naħdem fuq dak li bnew ta' qabli u inkompli nikkontribwixxi sabiex ikompli jiġi ssodat il-kunċett komuni tal-pajjiżi rispettivi bħala ċentri fil-Mediterran u ċioè li tkompli titħaddan politika ta' paċi li permezz tagħha tiffjorixxi l-koperazzjoni u l-kummerċ u niġbdu ħabel wieħed fil-qasam tal-enerġija u migrazzjoni.

2. **Bħala Ambaxxatur Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn it-Tuneżija u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Il-fatt li nkun stazzjonat fil-pajjiż huwa ta' vantaġġ u dan għal diversi raġunijiet.

Primarjament, nifhem aħjar il-komportament soċjali u nara li nibni mezzi ta' komunikazzjoni mal-varji Awtoritajiet tal-istat. B'hekk inkun nista' nwassal aħjar dawk l-inizjattivi kollha li l-Istat Malti jkun jidhirlu utli u fil-ħin. Barra min hekk, li nkun parti minn network soċjali/governattiv, jagħtini aktar forza sabiex nikkomunika aħjar f'dawk l-oqsma kollha prinċipali sew jekk huma ekonomiċi, ta' natura politika u anke kulturali.

Fit-tieni lat, irrid naħseb u nara kif inkattar l-iskambju ta' ideat u dan irrid nilħqu billi noħloq opportunitajiet ta inter-komunikazzjoni sew billi jiġu organizzati żjarat minn stakeholders Maltin fit-Tuneżija u viċi versa.

Illi nemmen li tali ħidma tista' tirnexxi peress li Malta minn dejjem kellha relazzjonijiet b'saħħithom mat-Tuneżija però huwa stat ta' fatt li r-relazzjoni bejn l-EU u t-Tuneżija mhumiex daqstant b'saħħithom għad li hemm linja ta' komunikazzjoni u ko-operazzjoni bejn it-tnejn.

Għalina, bħala membri fi ħdan l-UE u bħala pajjiż fiċ-ċentru tal-Mediterran li jħaddan politika, bħal dik Tuneżina, li trid li ċ-ċentru tal-Mediterran ikun wieħed ta' paċi, fejn tiffjorixxi l-koperazzjoni u l-kummerċ u niġbdu ħabel wieħed fil-qasam tal-enerġija u migrazzjoni, huwa ta interess kbir għalina li r-relazzjoni bejn it-Tuneżija, fost pajjiżi oħra, u l-UE jiġu ssodati.

3. **Waqt li wieħed iżomm f'moħħu d-diversi sfidi li għaddej minnhom ir-Reġjun, tara li hemm niċeċ ekonomiċi li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u t-Tuneżija? Tara li hemm il-lok li nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Indubbjament. Filwaqt li rridu nibqgħu sensittivi għad-diversi sfidi li għaddejjin fir-reġjun u anke fil-lvant nofsani, jeżistu diversi opportunitajiet li jkattru l-kooperazzjoni ta' bejn Malta u t-Tuneżija b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija, kummerċ u l-migrazzjoni.

Min dan il-lat Malta għandha ħafna x'toffri però dan mhux biss. Malta llum tikkompeti f'diversi oqsma u toffri opportunitajiet għal investiment barrani dirett b'mod partikolari fl-oqsma tal-komunikazzjoni (ICT), żvilupp infrastrutturali u kostruzzjoni, farmaċewtika fost oħrajn.

Hemm ukoll servizzi oħra bħalma huma faċilitajiet bankarji, investiment, Fintech, blockchain u crypto-currency, intelliġenza artifiċjali, edukazzjoni, turiżmu, tiswija ta' vapuri u manutenzjoni ta' ajruplani, kif ukoll servizzi professjonali bħalma huma dawk legali u servizzi oħra ta' back-office, biex insemmi ftit.

Dawn huma kollha setturi li nistgħu nsaħħuhom lokalment billi nistiednu u nħajru ċittadini Tuneżini ta' karattru tajjeb jinvestu ġewwa pajjiżna.

4**. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi? Taħseb li hemm iżjed oqsma li fihom jista' jkun hemm koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi? Kemm taraha importanti din it-tip ta' koperazzjoni fil-kuntest tal-Mediterran?**

L-edukazzjoni hija l-qofol ta' kollox. Huwa l-kejl tal-progress u jkun ta' benefiċċju kbir għal pajjiżna li jinvesti fl-edukazzjoni ta' wlied il-ġirien tagħna. Dawk l-istudenti, għada pitgħada jistgħu jkunu d-diriġenti ta' dak il-pajjiż ġar tagħna, bħalma hija t-Tuneżija u jkun aktar faċli li nikkomunikaw ma' tali persuni li mhux talli jkunu grati lejn dak li offrielu pajjiżna imma jkunu jistgħu jifhmu l-mentalità li nħaddnu u jagħrfu l-prinċipji li nsegwu aħna.

Illi għalhekk ta' min wieħed ifaħħar l-inizjattivi bħalma huma l-għoti ta' boroż ta' studju u f'attivitajiet kulturali u lingwistiċi li ġew imtella' ġewwa Tuneż minn esponenti Maltin.

Però l-qasam edukattiv m'għandux ikun l-unika li jibbenefika minn tali inizjattivi. Huwa dejjem importanti li pajjiżna jkattar il-kummerċ u jkabbar l-ekonomija tiegħu għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha.

Illi għalhekk jridu jiżdiedu l-inizjattivi li permezz tagħhom ikun hemm skambju ta delegazzjonijiet sabiex jiġu aktar mistħarrġa modi dwar kif tista' tkompli tissaħħah l-attività ekonomika bejn Malta u t-Tuneżija f'oqsma diversi bħalma huma il-farmaċewtika, agrikoltura, industrija, l-edukazzjoni u s-sigurtà virtwali fost oħrajn.

Peress li Malta minn dejjem kellha relazzjonijiet tajba mat-Tuneżija, kif rifless fid-diversi tipi ta' arranġamenti bilaterali konklużi, u dan minħabba d-diversi fatturi fosthom dik tal-pożizzjoni ġeografika, is-similarità fil-lingwa fonetika u t-tradizzjonijiet komuni, koperazzjoni mil-qrib bejn iż-żewġ pajjiżi hija essenzjali.

Barra minn hekk iż-żewġ pajjiżi għandhom aspirazzjonijiet komuni b'mod partikolari fit-tfittxija tagħhom sabiex jagħmlu mil-Mediterran ċentru ta paċi fejn jiffjorixxi l-kummerċ.

Illi daqstant hija importanti koperazzjoni mil-qrib mat-Tuneżija u l-pajjiżi l-oħra ġirien fil-Mediterran.

5. **Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Ir-relazzjoni ta Malta mat-Tuneżija hija waħda b'saħħitha u vibranti u dejjem kienet ix-xewqa ta' Malta li tkompli tkabbar r-rabtiet tagħha b'mod partikolari kulturalment.

Fadal u dejjem jifdal xi jsir però żgur li għandu jsir sforz sabiex jiġu konklużi pożittivament dawk it-trattati li għadhom pendenti u t-tkattir ta' aktar koperazzjoni bejn MEDAC, l-Akkademja Diplomatika Tuneżina u li nissodaw aktar dawk l-oqsma l-oħra kollha fejn diġà ġie rreġistrat progress bħalma huma s-settur tal-Kummerċ, esportazzjoni, Kultura u l-edukazzjoni.

6. **Tista' tispjega lill-kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Jiena qatt ma segwejt karriera fi ħdan il-korp Diplomatiku jew fi ħdan il-ministeru tal-affarijiet Barranin.

Kont nifforma parti mil-Parliamentary Foreign Affairs Committee u kont wkoll membru ta' varji Kumitati ta' ħbiberija.

Sal-lum għadni membru sedenti fuq s-settur finanzjarju u ekonomiku fi ħdan l-assemblea Parlamentari tal-Mediterran

7. **X'karigi oħra beħsiebek iżżomm jekk kemm-il darba tkun maħtur bħala Ambaxxatur Residenti għat-Tuneżija?**

Ma hix l-intenzjoni tiegħi li nibqa' nokkupa xi kariga.

8. **Fil-każ ta' attivitajiet kummerċjali li indikajt diġà li għandek, tista' tinforma lill-kumitat jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur Residenti għat-Tuneżija?**

L-attività kummerċjali tiegħi hija totalment estranea għall-kariga jew mansjonijiet li jista' jopera fihom Ambaxxatur.

Dan magħdud, hija l-intenzjoni tiegħi li nisvesti ruħi minn kull pożizzjoni li nokkupa bħala Direttur. Hija wkoll l-intenzjoni tiegħi li f'każ ta' ħatra nirriżenja wkoll mill-pożizzjoni tiegħi fi ħdan il-PAM.

9. **Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fit-Tuneżija u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fit-Tuneżija?**

Iva, jiena żort it-Tuneżija tlett darbiet bl-aħħar darbtejn ikunu s-sena li għaddiet. Iż-żjarat kienu kollha fil-kuntest ta assistenza legali lill-klijenti.

Niddikjara li ma għandi l-ebda rabta jew investiment kummerċjali fit-Tuneżija.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?**

Il-fatt li nkun stazzjonat fil-pajjiż huwa ta vantaġġ u dan għal diversi raġunijiet.

Primarjament nifhem aħjar il-komportament soċjali u nara li nibni mezzi ta' komunikazzjoni mal-varji Awtoritajiet ta l-istat. B'hekk inkun nista' nwassal aħjar dawk l-inizjattivi kollha li l-istat Malti jkun jidhirlu utli u fil-ħin. Barra min hekk, li nkun parti min network soċjali/governattiv, jagħtini aktar forza sabiex nikkomunika aħjar f'dawk l-oqsma kollha prinċipali sew jekk huma ekonomiċi, ta' natura politika u anke kulturali.

Fit-tieni lat, irrid naħseb u nara kif inkattar l-iskambju ta ideat u dan irrid nilħqu billi noħloq opportunitajiet ta interkomunikazzjoni sew billi jiġu organizzati żjarat minn stakeholders Maltin fit-Tuneżija u viċi versa.

2. **Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?**

Malta hija dejjem konxja mill isfidi li qed tiffaċċja it-Tuneżija b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-effetti tat-tibdil fil-klima, l-ekonomija u dik tal-migrazzjoni.

Illi indubbjament għandna nsegwu mill-qrib dawk l-iżviluppi kollha li jkunu qed jimmaterjalizzaw u nkunu ta sapport u sostenn għall-poplu Tunezin f'mumenti hekk delikati.

F'dan ir-rigward l-inizjattiva ta' Malta konsistenti fil-finanzjament tal-progett gewwa Ghar El Melh, li ser ikun ta kontribut dirett għall-benefiċċju tal-bdiewa u tal-komunità in ġenerali Tuneżina, huwa prova tal-commitment ta' Malta li tgħin.

F'dan ir-rigward ukoll ta' min ifaħħar l-inizjattivi ta' livell għoli da parti tal-EU a benefiċċju tat-Tuneżija b'mod partikolari permezz tal-MoU bl-isem ta' Strategic and Global Partnership. Hija fehma komuni li l-kontribut dirett għar-rigward ta oqsma diversi huwa mezz ta benefiċċju għall-partijiet kollha nvoluti.

B'azzjonijiet diretti biss jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi li pajjiżi ġirien tagħna jkunu għaddejjin minnhom.

3. **Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?**

Malta hija parti mil-UE u in vista tal-fatt li l-ambjent bejn it-Tuneżija u l-UE ma hux wieħed feliċi, għad li mhumiex 'il bogħod, nemmen li huwa fl-interess ta kulħadd li l-UE tkompli ssostni l-passi tagħna sabiex ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien tagħna, bhalma hija t-Tuneżija jkomplu jiġi mkattra fuq bażi ta' interessi komuni u bħala msieħba ndaqs.

Da parti ta' Malta, filwaqt li rridu nibqgħu sensittivi għad-diversi sfidi li għaddejjin fir-reġjun u anke fil-lvant nofsani, jeżistu diversi opportunitajiet li jkattru l-kooperazzjoni ta bejn Malta u Tuneżija b'mod partikolari fil-qasam ta l-enerġija, kummerċ u l-qasam tal-migrazzjoni.

Ikun utli li sew Malta u t-Tuneżija jkomplu jżommux taħditiet bilaterali sabiex jiddiskutu u jindirizzaw areas ta' interess fejn iż-żewġ pajjiżi jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenza u l-ispeċjalizzazzjoni fit-taħriġ u l-kapaċità ta' kif wieħed jasal għal soluzzjonijiet komuni.

4. **Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?**

Iva, jiena żort it-Tuneżija tlett darbiet bl-aħħar darbtejn ikunu s-sena li għaddiet. Iż-żjarat kienu kollha fil-kuntest ta assistenza legali lil klijenti.

Niddikjara li ma għandi l-ebda rabta jew investiment kummerċjali fit-Tuneżija.

5. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema Dipartiment/ awtorità/ entità?**

Jiena qatt ma kont fi stat ta' mpjieg ma l-istat Malti.

6. **Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Jiena qatt ma kont parti jew ħdimt mil-qrib ma xi Segretarjat Ministerjali jew Segretarju Parlamentari.

7. **Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Qatt ma kont involut f'xi attività jew ħidma fi ħdan il-ministeru għall-Affarijiet Barranin.

8. **Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

L-intenzjoni tiegħi, jekk ningħata din il-kariga hija li nirreżenja minn kull pożizzjoni li nokkupa, sew ta' natura kummerċjali, soċjali u anke min-nomina tiegħi fi ħdan il-kumitat għall-finanzi u investiment fi ħdan l-assemblea Parlamentari għall-Mediterran.

9. **Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?**

Ma niddetjeni l-ebda passaport ta' xi pajjiż ieħor.